**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum is-27 ta' Ġunju, 2019

Rikors Numru: 99/16 AL

**A B**

Vs

**C B, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2016 Ruth Sciberras fil-kwalita' tagħha ta' Direttur tal-Aġenzija Appoġġ li ġiet nominata bħala kuratriċi deputata biex tirrapreżenta lill-minuri D B.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat mill-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti u l-konvenut C B kienu iżżewġu fl-2007 meta l-istess intimat C B kien ġia jinsab fil-faċilita' korrettiva ta' kordin. Sussegwentement l-intimat C B ġie ikkundannat għal piena karċerarja għal-għomru, fejn kien għadu hemm sal-llum. Il-partijiet isseparaw legalment b'sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Novembru 2015 [Rikors Ġuramentat 102/13 RGM].

2. Illi fid-19 ta' Frar 2012 l-attriċi welldet tarbija , li ssemmiet D, liema tarbija ma setgħetx tkun il-wild naturali tal-intimat C B in kwantu l-konjugi B kien ilu ma jkollhom kuntatt fiżiku ferm iktar minn 300 jum indikat mil-liġi, pero' gialadarba l-konjugi B ma kienux isseparaw minn xulxin legalment it-twelid ta' D gie inskritt fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att bin-Numru Progressiv 1075 tal-2012 (dokument A) indikanti lil C B bħala l-missier.

3. Illi l-attriċi għandha interess li bintha D B ma jibqax tidher li hija bint missier li qatt ma seta' kien missierha, u li dan jiġi rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess D B.

4. Illi l-attriċi taf dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbet li l-konvenuti jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandiex:-

1. Tiddikjara lil-intimat C B mhuwiex missier il-minuri D B u għalhekk il-missier mhuwiex magħruf.

2. Tordna li l-att tat-twelid tal-minuri D B li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1075 tal-2012 jiġi korrett fis-sens li bħala partikolaritajiet tal-missier tat-tarbija, fil-kolonna li tindika l-isem u kunjom il-missier il-kliem C B jiġu sostitwit bil-kliem MISSIER MHUX MAGĦRUF (unknown father) u jiġu ikkanċellati u imneħħija l-konnotazzjonijiet tal-missier eżistenti fiċ-ċertifikat bħal issa, b'mod rispettiv, u ċioe' mil-kolonna intestata "Id-dokument tal-Identita' " jitneħħa in-numru ta' identifikazzjoni tal-missier 0122767 M ; mil-kolonna li tindika l-eta' tal-missier jitneħħa in-numru 44 ; mil-kolonna li turi l-post tat-twelid

tal-ġenituri, jitneħħa dak tal-missier ċioe' il-kliem XX MALTA ; mid-dettalji ta' fejn joqgħod il-missier jitneħħew l-kliem X X X L/O X; u mil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet", jitneħħew il-kliem E B (DEAD).

Il-konvenuti huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a fol 22 li permezz tagħha espona:

1. Illi in vena preliminari jingħad li stante l-fatt li għaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri D B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-artikolu 77 Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex, wara li din il-Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi in limine litis huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li l-minuri D B għandha tkun debitament rappreżentata minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti;

3. Illi jidher li għandha ssir korrezzjoni fl-isem l-konvenut Emanuel Spiteri li ma jidhirx li hu parti mill-kawża u hu msemmi fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur u kif ukoll tad-data taż-żwieġ;

4. Illi fit-talba qed jintalab li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri D B F pero' l-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1075 tal-2012 jikkonċerna tifla bl-isem ta' D B u mhux D B F;

5. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x' jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din

il-Qorti sabiex tistieden lill-parijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għal testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 70 A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipporiva li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri D, kellha relazzjoni extra-maritali;

7. Illi, dejjem mingħajr reġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 1075 tas-sena 2012;

8. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri D B, illi r-rikorrenti A B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri D B, tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

9. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri D B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' s-sitt eċċezzjoni tal-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri D B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri D B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta' twieldet it-tifla D B. Tali informazzjoni hija meħtieġa

biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita D B bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 1075 tas-sena 2012;

11. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa important li l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-twelid bin-numru tar-Reġistrazzjoni 1075 tas-sena 2012;

12. Illi finalment mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m' għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut C B, minkejja li debitament notifikat , ma ppreżentax l-ebda risposta ġuramentata u għalhekk f'dan in-nuqqas jirriżulta li huwa kontumaċi kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2016;

Semgħat ix-xiehda tal-attriċi u wkoll tal-konvenut B ;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti nhar l-14 ta' Ġunju 2017, il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi illi permezz tagħhom ġew sorvolati l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Il-fatti ta' din il-kawża in suċċint huma s-segwenti :

- Illi l-attriċi u l-konvenut C B iżżewġu fis-sena 2007 meta l-imsemmi B kien miżmum taħt arrest fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin;
- Huwa daħal il-ħabs fl-2003 u fil-frattemp ġieli ħareġ imma fl-2011 kien għadda ġuri u ġie kkundannat piena karċerarja għal ħajtu . Joħroġ mill-habs biss biex imur il-Qorti; L-attriċi A kienet tmur tarah il-ħabs imma relazzjonijiet intimi bejniethom ma kienx hemm.
- Illi fid-19 ta' Frar 2012, l-attriċi welldet tarbija li ssemmiet D u li ġiet irreġistrata bħala bint C B , qua żewġ omm it-tarbija.
- Il-partijiet kien ilhom ma jkollhom kuntatt fiżiku bejniethom ferm iktar minn 300 jum qabel it-twelid tat-tarbija.
- Huma sseparaw minn xulxin permezz ta' sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Novembru 2015;
- Kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut C B jafu b'ċertezza illi l-minuri D ma tistax tkun bint B.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-omm għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut versu l-minuri D B. L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnisslet u twieldet matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess minuri ġiet irreġistrata bħala bintu.  Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C B mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tagħha u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf".

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-omm ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-minuri ġiet imnissla fiż-żwieġ, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili . Illi kif ġustament eċċepixxa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, a tenur tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Difatti l-Artikolu 77Ċ jistipula

"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel".

Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B."

Il-Qorti tirrileva illi fin-nuqqas li l-kawża tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tista' tinkiseb sabiex xorta waħda issir azzjoni ta' filjazzjoni a tenur tal-Artikolu 77A u 77B  sabiex ikun dikjarat il-missier naturali tal-minuri.

Biss din l-awtorizzazzjoni ma tistax ugwalment tinkiseb valodament għall-azzjonijiet ta' denegata` paternita a tenur tal-Artikolu 77. Fit-tieni paragrafu tal-artikolu 77Ċ appena ċċitat, l-artikolu 77 m'huwiex imniżżel, sija fit-test Malti u wkoll fit-test Ingliż. Huma mniżżlin biss l-Artikoli 77A u 77B. Dana m'huwiex żball jew koinċidenza, għaliex sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ.

Għaldaqstant, anke jekk fil-każ odjern l-awtorizzazzjoni ġiet mitluba u effettivament ingħatat, l-istess awtorizzazzjoni hija nulla u mingħajr effett, għaliex tmur kontra dak illi tistipula espressament il-liġi. M'huwiex korrett id-Direttur tar-Reġitsru Pubbliku li jeċċepixxi li kawża ta' denegata paternita` intavolata mill-omm wara s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, jeħtieġ li tkun ippreċeduta minn digriet bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Il-liġi hija ċara u inekwivoka: azzjoni ta' denegata paternita` intavolata minn "kull min ikollu interess" trid issir entro t-terminu fatali ta' sitt xhur. Wara sitt xhur, l-azzjoni kif proposta, minkejja kwalsijsasi awtorizzazzjoni li tkun ingħatat mill-Qorti, ma tistax issir b'suċċess.

Konsegwentement l-azzjoni odjerna, ġjaladarba hija mressqa mill-omm, kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Dana ma seħħx fil-każ odjern, għaliex il-kawża ġiet intavolata wara għeluq l-erba' snin tal-minuri D.

Dana jsewgi l-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet: Nadine Falzon vs. Jalil Zaineldin et mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2016, (Rikors Ġuramentat 268/11AL). Fil-kawża fl-ismijiet Trisia Abela vs. AbdulHamid Aldabus et intqal illi "Il-liġi hija tassattiva fil-każ t'azzjonijiet ta' denegata paternita` (b'differenza minn azzjonijiet ta' filjazzjoni) u dawn l-azzjonijiet iridu jkunu intavolati fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, u ma tagħtix il-possibilita` illi l-omm tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tiġi intavolata azzjoni bħall-preżenti wara t-terminu tas-sitt xhur."

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.